REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 387/2013

tat-23 ta' April 2013

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifika tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Hu f'loku li jkun ipprovdut li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri prevvisti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

Tagħrif tariffarju vinkolanti maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri li mhuwiex skont dan ir-Regolament jista' jkompli jkun invokat għal perjodu ta' tliet xhur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Il-prodott huwa ppreżentat f'kapsuli tal-ġelatina, għall-bejgħ bl-imnut. Kull kapsula jkollha dawn l-ingredjenti: — qoxra fi trab tad-difer tal-qattus (*Uncaria tomentosa*) 500 mg — askorbili palimat 57 mg — ċelluloża mikrokristallina 79 mg — dqiq tar-ross 17 mg — silika 32 mg Il-prodott għandu madwar 17 % f'piż, ta' lamtu/glukożju. Skont it-tabella l-prodott huwa ppreżentat bħala suppliment tal-ikel għall-konsum mill-bniedem.	2106 90 98	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1(a) tal-Kapitolu 30, Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 u l-kliem tal-kodiċi NM 2106, 2106 90 u 2106 90 98. Hekk kif il-konċentrazzjoni ta' sustanza attiva jew sustanzi li jinsabu fil-prodott mhijiex indikata fuq it-tikketta, l-ippakkeġġar jew fl-istruzzjonijiet għal min jużahom li jkunu magħhom, ir-rekwiżiti tan-Nota Addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 ma ġewx sodisfatti. Konsegwentement, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 3004 bħala mediċina hija eskluża. Il-prodott hu preparazzjoni tal-ikel ippreżentata fil-forma ta' kapsuli. L-ippakkeġġar huwa fattur li, flimkien mal-kontenut, jiddetermina l-użu u l-karattru tal-prodott (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawżi konġunti minn C-410/08 sa C-412/08 "Swiss Caps", [2009] Ġabra p. I-11991, il-paragrafi 29 u 32). Il-prodott għandu għaldaqstant jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2106 90 98 bħala preparazzjoni tal-ikel li mhijiex imsemmija jew inkluża xi mkien ieħor (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata ta' mal-intestatura 2106, il-punt (16)).